MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Numru. 272/2008

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
Richard Barton, iben Peter, imwieled l-Ingilterra fil-21 ta' mejju, 1967

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-1 ta' april, 2008 f'xi ħin bejn is-sitt ta' fil-għaxija u il-ħdax ta' fil-għaxija, ġewwa l-Qawra, San Pawl il-Baħar inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe' PS935 P. Cassar, PC1185 W. Saliba u PC578 D. Grima, waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb kontra PS935 P. Cassar, u cioe' persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
3. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxen jew indeċenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagħa;
4. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, u cioe' PS935 P. Cassar, PC1185 W. Saliba u PC578 D. Grima jew ma ħalliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'mor ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor;
5. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
6. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi hedded lill-partner tiegħu Isabelle Pace;
7. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb għall-partner tiegħu Isabelle Pace u għat-tifla tagħha Nikita Pace, ta' tlettax il-sena;
8. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi ġab ruħu b'tali mod li l-imġieba tiegħu kkaġunat lil ħaddieħor li jibża li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali hekk kif definite fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 481 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li tipprovdi għas-sigurta' tal-vittmi billi tipproteġihom minn kull biża' ta' fastdiju jew forma ta' imġieba li ġġib il-biża' ta' vjolenza u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat.

Il-Qorti ġiet mitluba li minn issa toħroġ Ordni ta' Protezzjoni skond l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali fejn tipprjobixxi lill-imputat milli javviċina lill-persun I u ir-residenza tagħhom kif ukoll il-postijiet li tali persuni jiffrekwentaw.

F'każ ta' ħtija, din il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni nvoluti u il-familja tagħhom skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' april, 2008 fejn il-parte ċivile ħafret lill-imputat u irrunzjat għal dak kollox li hu rinunzjabbili.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' april, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda s-sitta, is-seba' u it-tmien akkuża miġjuba kontra tiegħu. Issibu ħati tal-ewwel ħames akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96 u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja. Rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tmintax il-xahar mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni jew ta' garanzija favur il-parte ċivile.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------